**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, l-Onor. Lawrence Gonzi ressaq din l-emenda:-**

Ħassar l-aħħar sentenza tal-mozzjoni u ssostitwiha b'dan li ġej:-

"Tinnota b'sodisfazzjon li 55 deputat ħadu sehem f'dan id-dibattitu u ttrattaw l-aspetti kollha tad-dokument u dan żgur li jirrifletti l-interess li l-poplu Malti kollu għandu dwar it-tifsira ta' sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea;

Tistieden lill-Gvern biex ikompli b'ħeġġa n-negozjati ma' l-Unjoni Ewropea fl-aħjar interess tal-poplu Malti fl-oqsma politiċi, ekonomiċi u soċjali bil-għan li l-poplu kollu jkompli jtejjeb il-kwalita' tal-ħajja kif jixraq f'pajjiż modern, Ewropew;

Tinnota b'sodisfazzjon li fl-4 ta' Ottubru, il-Parlament Ewropew b'riżoluzzjoni ddeċieda li Malta għandha l-kwalifiki li tissieħeb fl-ewwel tkabbir;

Tappella lill-poplu Malti biex, f'dan il-mument storiku, b'kuraġġ jiffaċċja l-bidliet meħtieġa biex Malta tilħaq livell ta' għajxien kif jixraq lill-poplu modern Ewropew.".

L-Emenda għaddiet.

Il-Mozzjoni kif emendata għaddiet.

06.10.2000